MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2009

Numru. 167/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**vs**

**Dominic Sant**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Dominic Sant ta’ 23 sena, iben Carmelo u Josephine nee’ Cutajar, imwieled il-Pieta fl-1 ta’ Gunju 1980, u li joqghod fil-fond Blokk 12, Bieb ‘A’, Flat 7, Triq il-Pepprin, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 265480(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-12 ta’ Awwissu 2002 u fix-xhur ta’ qabel f’Santa Venera u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal

haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru GAG 635 fuq vettura tal-marka Ford Anglia bin-numru originali DAO 782, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni GAG 635 li jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Morris Marina, kif ukoll licenzja tal-windscreen li wkoll tappartjeni l-istess vettura (GAG 635), fuq vettura tal-ghamla Ford Anglia bin-numru originali DAO 782, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Ford Anglia (bin-numru tar-registrazzjoni originali DAO 782), b'numru tar-registrazzjoni GAG 635 li huwa falz, meta din ma kienitx registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew mal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, u b'hekk ma kienitx koperta b'licenzja jew polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikolu 17, 18 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Naqas fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, dwar ix-xiri ta' vettura tal-marka Ford Anglia bin-numru tar-registrazzjoni DAO 782, ai termini tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Marzu, 2004 (esebit a fol. 26 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti, l-fatt li jidher illi illum il-gurnata l-imputat irriforma ruhu u ghalhekk ikun opportun li huwa jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 17, 18, 26 u 31 tal-AL126/1994 u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed isib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum kif ukoll multa ta' hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€582.34). Il-Qorti inoltre tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum u tordna il-konfiska favur il-Pulizija Ezekuttiva tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAO 782 liema vettura diga' tinsab fil-pussess tal-Pulizija.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------